**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' April, 2002

**Numru 25**

**Avviz. numru 537/02JR**

**Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**Thomas Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-atturi fil-5 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220.00), premess illi il-konvenut xtara xi merkanzija minghand is-socjeta` attrici, pero` illum ghad fadal jhallas il-bilanc ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220.00);**

**Il-konvenut interpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali datata l-5 ta' Frar, 2002 u notifikata lilu fid-9 ta' Frar, 2002, baqa' inadempjenti minghajr raguni valida fil-Ligi;**

**Ghalhekk saret din il-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali b'effett mid-9 ta' Frar, 2002 sal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220.00) bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**